MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' April, 2024

Appell Inferjuri Numru 77/2023 LM

**Ignazio Licari (K.I. nru. 241744(M))**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-ilmentatur **Ignazio Licari (K.I. nru. 241744(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-ilmentatur'] mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanżjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] mogħtija fit-22 ta' Ġunju, 2023, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha ddeċieda

l-ilment tiegħu fil-konfront tas-soċjetà **Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà ntimata'], billi ddikjara kif ġej:

***"Deċiżjoni***

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha mogħtija aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni, l-Arbitru jqis li l-Bank kellu raġuni valida biex jagħlaq il-kont tal-ilmentatur u, għalhekk, ma jistax jilqa' l-ilment.*

*Għaldaqstant ma jistax jagħti rimedju lill-Ilmentatur.*

*Iżda l-Arbitru jħoss li l-partijiet għandhom jieħdu konjizzjoni sewwa tar-rakkommandazzjoni li qed issir hawn taħt biex jerġgħu jagħtu ħajja lir-relazzjoni ta' bejniethom li ġiet fi tmiemha bla bżonn minħabba ċerta intransiġenża tal-ilmentatur li jforni informazzjoni essenżjali inkluż kopja tar-*Return *tat-Taxxa.*

*Fil-każ li r-rakkommandazzjoni ma tiġix aċċettata u attwata, allura, l-Arbitru jordna lill-Bank li jekk ma għandux provi li l-klijent għandu xi kont personali ma' bank ieħor, jew jekk ma għandux xi ordni regolatorja li ma jistax jiżvela, allura, għandu joffri lill-ilmentatur is-servizz ta'* Basic Bank Account *li fih ikunu jistgħu jiġu kkreditati l-pensjoni u introjti oħra li jkun hemm evidenza dwarhom li tħallset it-taxxa minn ras il-għajn.*

***Rakkommandazzjoni***

*Però, l-Arbitru jixtieq jagħmel rakkommandazzjoni lill-Bank sabiex **fid-diskrezzjoni tiegħu u mingħajr mhu marbut b'din id-deċiżjoni**, u f'sens ta' rieda tajba, jikkonsulta mal-klijent u jekk il-klijent issa jifhem il-bżonn li jforni lill-Bank l-informazzjoni kollha inkluż it-*Return *tat-Taxxa, jerġa' jiftaħlu kont normali personali distint mill-kont ta' stralċjarju għall-flus tal-klijenti.*

*Kif ingħad, din hija rakkommandazzjoni li filwaqt li l-Arbitru jinkoraġġiha, ma torbotx lill-Bank. Iżda r-rakkommandazzjoni hija wkoll ispirata mir-realiżmu li għall-anzjani għandu jkun hemm doża ta' sensitività qawwija għax għandhom problema jabbundaw fehmiet antiki li ma jkunux aġġornati mar-realtajiet tal-lum.*

***Peress li l-Arbitru ma laqax waħda mir-raġunijiet li ta l-Bank biex ma jiftaħx kont bankarju bażiku, kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' din il-proċedura."***

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw deċiżjoni tas-soċjetà intimata li ġiet ikkomunikata lill-ilmentatur permezz ta' ittra tagħha tat-13 ta' Frar, 2022, li ma tkomplix tipprovdi s-servizzi tagħha lill-istess ilmentatur. Hija infurmatu li kienet qiegħda tagħtih terminu ta' xahrejn sabiex jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex isib bank ieħor fejn seta' jiddepożita l-flus tiegħu, u fin-nuqqqas hija kienet ser tagħlaq il-kontijiet bankarji tiegħu u tibgħatlu ċekk bankarju rappreżentanti l-flus depożitati fihom.

## Mertu

3. L-ilmentatur ippreżenta l-ilment tiegħu quddiem l-Arbitru fl-20 ta' Lulju, 2022 fejn filwaqt li ppremetta li s-soċjetà intimata kienet għażlet li mingħajr raġuni valida tittermina r-relazzjoni li hija kellha miegħu u tagħlaq il-kontijiet bankarji, għajr dawk relatati mas-soċjetà FARR, iddikjara li b'hekk huwa kien sofra, u saħansitra kien għadu qiegħed isofri, ħsara fir-reputazzjoni professjonali tiegħu. Dan wassal għal danni u telf finanżjarju u għalhekk talab lill-Arbitru sabiex jogħġbu:

> *"1. Jiddikjara li d-deċiżjoni tal-BOV li jittermina r-relazzjoni u jagħlaq il-kontijiet bankarji kienet waħda arbitrarja, abbużiva u mingħajr ebda raġuni valida.*
> *2. Jordna lil BOV sabiex terġa' tibda tipprovdi s-servizzi bankarji kollha lill-ilmentatur fi żmien qasir u perentorju.*
> *3. Jiddikjara li l-BOV hija responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-ilmentatur, inkluż l-ispejjeż kollha inkorsi fir-rigward tal-proċeduri odjerni.*
> *4. Jillikwida dawk id-danni kollha sofferti mill-ilmentatur, inkluż dawk id-danni morali, u non-pekunjarji, li dan l-Arbitru jidhirlu xierqa.*
> *5. Jordna lill-BOV tħallas lill-ilmentatur dawk id-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.*

*6. Jordna kwalunkwe rimedju ieħor li jidhirlu xieraq u opportun.”*

4. Is-soċjetà ntimata wieġbet fl-10 ta’ Awwissu, 2022 fejn insistiet li l-ilment tal-ilmentatur kellu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontrih.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. L-Arbitru kkonsidra dan li ġej u li huwa rilevanti għall-appell odjern:

*“Analiżi u Kunsiderazzjonijiet oħra*

***L-Arbitru jrid jiddeċiedi l-ilment b’referenza għal dak li, fil-fehma tiegħu, huwa ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanżi partikolari u merti sostantivi tal-każ.*** *(fn. 25 KAP. 555, Art. 19(3)(b))*

*L-Ilmentatur jisħaq li meta l-Bank għalaqlu l-kontijiet bankarji tiegħu, dan sar mingħajr raġuni valida kif jipprovdu prattiċi bankarji l-istess kif ukoll li ġie ttrattat b’mod inġust peress li l-uniku informazzjoni li naqas li jagħti lill-Bank kienet it-*Tax Return *li jħoss li l-Bank ma għandux bżonnha għax huwa ta spjegazzjoni ta’ ħafna snin bla ebda problemi u ma ħax in konsiderazzjoni l-anzjanità tiegħu li titlob atteġġjament aktar prudenti.*

*Min-naħa tiegħu, il-Bank jgħid li kellu raġuni valida biex jagħlaq il-kont tal-Ilmentatur għaliex l-Ilmentatur ma kienx konsistenti fl-informazzjoni li beda jagħti lill-Bank u naqas milli jagħti lill-Bank kopja tat-*Tax Return *tiegħu li kienet meħtieġa, anke b’obbligu regolatorju, biex il-Bank ikun jista’ jikkonferma li tranżazzjonijiet li jgħaddu mill-kontijiet ikunu kongruwenti mad-dħul dikjarat tiegħu fir-*return *tat-taxxa. Il-Bank isostni li ta żmien biżżejjed u għamel diversi attentati biex ifiehem lill-Ilmentatur il-konsegwenzi jekk iwebbes rasu, u li fl-ahhar ma kellux alternattiva ħlief li jtemm ir-relazzjoni u jagħlaq il-kontijiet tal-Ilmentatur.*

***Il-Qafas Ġuridiku***

*L-Arbitru jrid jara jekk l-aġir tal-Bank kienx wieħed ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanżi partikolari tal-każ.*

*Skont il-Kap. 555, (fn. 26 Art. 19(3)(ċ)) l-Arbitru għandu jikkunsidra u*

“jieħu kont, b’dak il-mod u sakemm huwa jidhirlu xieraq, ta’ liġijiet applikabbli u rilevanti, regoli u regolamenti, b’mod partikolari dawk li jirregolaw l-imġiba ta’

provditur ta' servizz, inkluż linji gwida maħruġa mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u tal-Unjoni Europea, **il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji u l-aspettattivi raġonevoli u legittimi tal-konsumaturi** *(fn. 27 Enfasi tal-Arbitru) u dan b'referenza għaż-żmien meta jkun allegat li jkunu seħħew il-fatti li jkunu taw lok għall-ilment".*

*Għalhekk l-Arbitru ser jiddeċiedi dan l-ilment fil-qafas u fil-poteri mogħtija lilu mil-legislatur sabiex isseħħ il-ġustizzja, l-ekwità u r-raġonevolezza li huma l-pilastri li fuqhom irid jibbaża l-gudizzju tiegħu. U dan skont iċ-ċirkostanżi partikolari tal-każ.*

*F'deċiżjoni tal-Każ AFS 155/2021, l-Arbitru digà ta analiżi dettaljata tal-prassi segwita f'oqsma finanżjarji f'ġurisdizzjonijiet barranin rispettabbli u prominenti u ma jħossx li hemm bżonn li jerġa' jirrepeti din l-analiżi mill-ġdid. Iżda l-konklużjonijiet jibqgħu dawk elenkati fid-deċiżjoni ċitata, jiġifieri, li r-relazzjoni bankarja għandha tkun mibnija fuq dawn il-prinċipji:*

- *Il-ġustizzja (*fairness)
- *L-ekwità*
- *Ir-raġonevolezza*
- *L-integrità*
- *Il*-buona fede
- *Affidabbiltà (*reliability)
- *Komunikazzjoni ċara u effettiva mal-klijent.*

*F'ċerti pajjiżi, bħar-Renju Unit, il-kodiċijiet ta' prattika tajba ġew imsaħħa b'legislazzjoni. Fil-każ tagħna, il-legislatur ukoll addotta wħud minn dawn il-prinċipji billi daħħalhom fil-Kapitolu 555, fejn l-Arbitru ingħata s-setgħa jiddeċiedi fuq dak li hu* ġust, ekwu u raġonevoli *u* l-aspettattivi legittimi tal-konsumatur. *(fn. 28 KAP.555, Art. 19(3)(b) u (ċ)).*

**Il-Kont Bankarju**

*Iż-żminijiet jinbidlu, u fejn qabel il-konsumatur kien iħallas kollox bi flus kontanti beda, naqra, naqra, dieħel l-użu taċ-ċekkijiet. Illum, is-sitwazzjoni inbidlet totalment u dan anke b'inizjattivi li ħadu l-banek u istituzzjonijiet finanżjarji oħra.*

*Il-banek, fl-istrateġija dikjarata tagħhom, qed jinkoraġġixxu lill-klijenti jagħmlu użu minn servizzi diġitali u kemm jista' jkun jużaw il-*credit *jew* debit cards *jew jagħmlu ħlasijiet* online. *B'hekk, li jkollok kont bankarju illum sar neċessità kbira u din in-neċessità (maħluqa wkoll mill-banek stess) ġabet lill-konsumatur jiddependi bis-sħiħ fuq il-kont bankarju.*

*Aktar dettalji dwar dan l-aspett ġie mogħti mill-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu fil-Każ ASF 016/2022 mogħtija fit-28 ta' Settembru 2022, li qed issir referenża għaliha u, għalhekk, m'hemmx lok li jiġu ripetuti f'din id-deċiżjoni. Din id-deċiżjoni tista' tiġi aċċessata fuq dan is-sit: financialarbiter.org. mt*

*Għalhekk li bank jagħlaq kont bankarju ta' klijent għandha tkun l-aħħar miżura li jieħu peress li hija l-aktar deċiżjoni drastika li bank jista' jieħu fil-konfront tal-klijenti tiegħu. Dan iwassal għad-deċiżjoni li din il-miżura għandha titqies bħala l-aħħar pass li l-bank għandu jieħu u wara li jkun ta ċ-ċans kollu lill-klijent li jottempora ruħu għal xi nuqqas li jkun għamel fil-konfront tal-bank. Biex dan iseħħ, il-bank irid ifittex li jkollu djalogu kontinwu mal-klijent u jidderiġih fit-triq it-tajba fejn dan jonqos.*

*Dan huwa ekwu, ġust u raġonevoli meta jitqies li fir-relazzjoni bejn klijent* retail *u bank għandek żbilanċ negożjali sostanzjali peress li fuq naħa għandek l-*expertise *u fuq in-naħa l-oħra hemm nuqqas ta' tagħrif li jwassal għal dan l-iżbilanċ.*

***Għalhekk l-eżerċizzju ta'* "due diligence" *u* "review" *li jsir mill-banek fuq il-klijent* retail *għandu jkun wieħed li, filwaqt li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-liġi, jkun ukoll wieħed proporzjonat u immirat lejn iċ-ċirkostanzi partikolari tal-klijent u ma jkunx* "one size fits all".**

***Dan l-eżerċizzju irid ikun wieħed trasparenti u proporzjonat.***

Il-Fatti u ċ-Ċirkostanzi Partikolari ta' dan il-Każ

*M'hemmx dubju li ġie stabbilit li l-Ilmentatur kellu relazzjoni tajba u twila mal-Bank. Jekk hix ta' 43 sena kif qal l-ilmentatur jew mill-1994 (29 sena) kif sostna l-Bank qajla tagħmel differenza.*

*L-Arbitru japprezza li għall-Bank dan il-kont kien wieħed li joffri sfidi fit-tfittxija biex issir* due diligence *kif xieraq. Ma kienx xi kont personali normali ta' xi ħadd li jdaħħal il-paga u xi introjti żgħar u, allura ma jkunx hemm bżonn* 'enhanced due diligence' *li jeħtieġ informazzjoni affidabbli, konsistenti u fejn huwa possibbli dokumentata. Din hija relazzjoni bankarja fejn kien doveruż għall-Bank li jagħmel '*enhanced due diligence'. *L-Ilmentatur kellu diversi kontijiet biċċa personali u oħrajn bħala stralċjarju minn fejn jgħaddu ammonti li jistgħu ikunu kbar imma ma jirriflettux id-dħul taxxabbli tiegħu. Dan joffri sfida ta'* monitoring *b'saħħtu lill-Bank biex jiżgura li jkun hemm separazzjoni ċara tad-dħul personali u dħul ta' flus tal-klijenti.*

*Apparti minn hekk, mill-kontijiet personali tal-Ilmentatur kienu ser jgħaddu pagamenti li mhux normali jgħaddu għax ta' natura straordinarja bħal donazzjoni ta' ċertu valur mhux żgħir u introjti minn ħlas lura ta' self li l-ilmentatur ikun għamel lil terzi.*

*Jekk ma' dan iżżid il-fatt li l-Ilmentatur huwa anzjan ta' 78/79 sena, allura, tifhem il-problemi li nħolqu bejn il-partijiet fejn ma kienx hemm konsistenza fl-informazzjoni li l-Ilmentatur beda jagħti lill-Bank fid-diversi verżjonijiet tas-*Source of Wealth *tiegħu. Dawn id-diskrepanzi ġew spjegati fix-xhieda ta' Ms Charmaine Busuttil u huma elenkati b'mod ċar fis-sottomissjonijiet finali tal-Bank. (fn. 29 P. 178 – 185)*

*L-Arbitru jħoss li ħafna mid-diskrepanzi irriżultaw minn konfużjoni dwar jekk l-informazzjoni kellha tkun fuq dħul u infiq personali jew kellhomx jidħlu wkoll flejjes tal-klijenti fil-vesti ta' stralċjarju.*

*L-Ilmentatur għadu s'issa jinsisti li ma jagħtix kopja tat-*Tax Return *lill-Bank għal raġunijiet li fl-opinjoni tal-Arbitru huma inaċċettabbi. Dan huwa xhieda ta' nuqqas ta' komprensjoni min-naħa tal-klijent li l-obbligi regolatorji fuq il-Bank m'humiex biss li tranżazzjonijiet li jgħaddu mill-kontijiet bankarji jigu spjegati bl-evidenza li dawn m'humiex xi ħasil ta' flus fis-sens tradizzjonali (flus li ġejjin minn sorsi kriminali, korruzzjoni, qerq, droga, eċċ.), iżda li dan id-dħul jikkorrispondi mad-dħul dikjarat għat-taxxa b'mod li l-Bank ikun sodisfatt li mhux iservi ta'* medium *biex tigi evitata t-taxxa. Fiha nnifisha evażjoni tat-taxxa llum hija tip ġdid ta' ħasil ta' flus.*

*Filwaqt li l-Bank kien skars fit-tieni* "notice of termination" *tat-13 t'April 2022 (fn. 30 P. 17) dwar ir-raġuni li wasslet għad-deċiżjoni li jingħalqu l-kontijiet, fl-ewwel* "notice of termination" *tas-6 ta' Jannar 2021, (fn. 31 P. 93) kien hemm spjegat ċar li jekk il-klijent iforni d-dokumenti u l-informazzjoni mitluba, allura, ir-relazzjoni bankarja tista' tkompli. Il-Bank ħalla ċans twil biex il-klijent jaderixxi kif mitlub u li jidher li reġa' beda jagħfas għall-informazzjoni f'Awwissu 2021 u, mbagħad, kien hemm eskalazzjoni li wasslet għal twissija oħra permezz ta' ittra datata 9 ta' Frar 2022 (fn. 32 P. 94) u, mbagħad, għat-tieni* "termination letter" *tat-13 t'April 2022.*

*Anke wara l-ħruġ tat-tieni* "termination letter"*, il-Bank baqa' juri ċertu flessibilità meta, per eżempju, fil 25 ta' Mejju 2022, reġa' sblokka l-kont fejn kien hemm il-flus ta' klijenti bħala stralċjarju. Ma nġabet l-ebda prova li l-Ilmentatur fittex li jsib xi soluzzjoni mal-Bank qabel ma jiskadu x-xahrejn żmien li kien tah il-Bank anzi baqa' sal-lum jinsisti li ma jipprovdix ir-*Return *tat-Taxxa.*

***Għalhekk, kif l-Arbitru ikkummenta fuq l-obbligi tal-Bank fil-konfront tal-klijenti tiegħu, il-klijenti wkoll għandhom ċerti obbligi, fosthom, li jipprovdu dokumenti importanti lill-Bank sabiex dan ikun jista' jaqdi wkoll l-obbligi regolatorji tiegħu li m'humiex żgħar.***

***Għaldaqstant, il-koperazzjoni tal-klijent hija essenżjali sabiex ikun hemm relazzjoni b'saħħitha bejn il-Bank u l-klijent. Però, min-naħa tiegħu, il-Bank għandu jitlob biss***

***dawk id-dokumenti rilevanti għar-*review *tal-klijent u dan l-eżerċizzju jrid ikun wieħed trasparenti u proporzjonat.***

***Peress li l-Ilmentatur dam aktar minn sena u nofs** (fn. 33 Minn Jannar 2021, data tal-ewwel* notice*, sa ma ingħalqu l-kontijiet f'Lulju 2022) jittituba u għadu sal-lum ma jridx iforni lill-Bank b'kopja tat-Tax Return tiegħu, l-Arbitru jqis li l-Bank kellu raġuni valida sabiex jagħlaq il-kont tal-Ilmentatur.*

*L-Arbitru jħoss li l-Bank kellu raġun jitlob il-kopja tar-*Return *tat-Taxxa u din kienet talba xierqa u proporzjonata maċ-ċirkostanżi tal-każ u mal-obbligi regolatorji li għandu l-Bank. (fn. 34 Il-Bank weħel multa ta' EUR2,632,400 mill-FIAU proprju fi żmien dan il-każ (17.12.2021) talli ma kellux informazzjoni xierqa fuq il-klijenti tiegħu.) Iħoss ukoll li ta żmien biżżejjed qabel ma wasal għad-deċiżjoni drastika li jtemm ir-relazzjoni.*

*Iżda, min-naħa l-oħra, jħoss li dan mhux każ ta' ħasil ta' flus li jaqa' taħt raġuni valida biex l-Ilmentatur ma jikkwalifikax għal tal-anqas għal kont bankarju bażiku (*Basic Bank Account). *Huwa perikoluż għal anzjan bħall-Ilmentatur li jkollu bilfors jagħmel tranżazzjonijiet għal ħajja ta' kuljum bi flus kontanti."*

## L-Appell

6. L-ilmentatur ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata, u fit-12 ta' Lulju, 2023 ippreżenta appell quddiem din il-Qorti, fejn qiegħed jitlobha sabiex:

*"...jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Arbitru għas-Servizzi Finanżjarji ('l-Arbitru') bin-numru ASF 099/2022 tat-22 ta' Ġunju 2023, salv dawk il-provvedimenti u dikjarazzjonijiet li ...jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanżi.*

*Daqstant għandu x'jissottometti l-esponenti appellant għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, b'riserva għal sottomissjonijiet verbali ulterjuri waqt is-smigħ."*

Jispjega li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) huwa ma ngħatax smigħ xieraq; (b) l-Arbitru għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi, u skorrettement iddeċieda li s-soċjetà intimata kellha raġuni valida sabiex titolbu għad-denunzji tat-taxxa u tagħlaq il-kontijiet bankarji tiegħu.

7. Is-soċjetà intimata wieġbet fis-7 ta' Awwissu, 2023, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell odjern fl-intier tiegħu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż kontra l-ilmentatur.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-ilmentatur, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet tas-soċjetà intimata.

*L-ewwel aggravju: [l-ilmentatur ma ngħatax smigħ xieraq]*

9. L-ewwel aggravju tal-ilmentatur jolqot il-proċeduri quddiem l-Arbitru. Huwa jsostni li ma ngħatax smigħ xieraq, saħansitra ntwera nuqqas ta' imparżjalità min-naħa tal-Arbitru, u kien hemm ksur tal-prinċipju *audi alteram partem.* Jibda billi jispjega li l-Arbitu hekk kif huwa kien qiegħed iressaq il-provi tiegħu, esprima l-opinjoni li s-soċjetà intimata kellha raġun tinsisti għad-dokumenti rikjesti. Huwa kien wera d-diżappunt tiegħu dwar dan fi stadju qabel ma kienu nstemgħu l-partijiet, iżda l-Arbitru ma tax każ, u saħansitra ordna lill-avukat difensur tiegħu sabiex jagħlaq ħalqu. Dwar dan kollu però ma kien hemm xejn fil-verbal tas-seduta jew fit-traskrizzjoni tax-xhieda. Aktar tard waqt il-proċeduri, l-Arbitru kien ta struzzjonijiet lill-partijiet sabiex jillimitaw is-sottomissjonijiet tagħhom għal tliet paġni, fejn huwa kien irrispetta din l-ordni iżda mhux l-istess għamlet is-soċjetà intimata. Huwa kien oġġezzjona għal dan mal-Arbitru, li ma ta l-ebda tweġiba, u s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata

baqgħu inseriti fl-atti. B'hekk jikkontendi li ġie miksur il-prinċipju ta' *equality of arms.*

10. Is-soċjetà intimata tilqa' billi tissottometti li dan l-aggravju huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, u tgħaddi sabiex tispjega dan fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet allegatament skorretti tal-ilmentatur. Tgħid li mhuwiex minnu li l-Arbitru kien esprima l-fehma li hija kellha raġun tinsisti għad-dokumenti rikjesti mingħand l-ilmentatur, u lanqas ma kien minnu li l-imsemmi Arbitru kien qal lill-avukat difensur tal-ilmentatur sabiex *"jagħlaq ħalqu".* Tgħid li jekk imbagħad dan kien minnu, l-ilmentatur seta' għamel rikors quddiem l-Arbitru fl-eventwalità li l-verbal ma kienx jirrifletti dak li ġara. Barra minn hekk tgħid ma kienx minnu li l-Arbitru kien talab sabiex is-sottomissjonijiet tal-partijiet ikunu limitati għal tliet paġni, iżda ssuġġerixxa biss li dawn ma kellhomx bżonn ikunu itwal minn hekk. Jekk tassew kien hemm struzzjonijiet kif allegat mill-ilmentatur, dawn kellhom jirriżultaw mill-verbal, u tiċċita dak li jipprovdi l-istess verbal.

11. Il-Qorti tqis li hija m'għandha l-ebda kompetenza sabiex tittratta u tiddeċiedi dwar l-ilment tal-ilmentatur dwar nuqqas ta' smigħ xieraq. Ilmenti bħal dawn jaqgħu fil-kompetenza esklussiva ta' qrati oħra li għandhom is-setgħa li jinvestigaw jekk tassew ir-rikorrent ikun sofra ksur ta' dan id-dritt imħares mill-Kostituzzjoni ta' Malta u anki mill-Konvenżjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif trasposta fil-liġi Maltija permezz tal-Kap. 319. Tgħid għalhekk li l-ilmentatur għandu jfittex rimedju quddiemhom jekk huwa tassew tal-fehma li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu ta' smigħ xieraq.

*It-tieni aggravju:*

> *[l-Arbitru għamel interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u skorrettement iddeċieda li s-soċjetà intimata kellha raġuni valida sabiex titolbu għad-denunzji tat-taxxa u tagħlaq il-kontijiet bankarji tiegħu]*

12. L-ilmentatur jissottometti li l-Arbitru esprima l-fehma li s-soċjetà intimata kellha raġun meta talbitu sabiex jippreżenta kopja tad-denunzja tat-taxxa, għaliex hija kellha diversi obbligi imposti fuqha. Jinsisti li l-vertenza bejn il-partijiet tfaċċat meta s-soċjetà intimata kienet qiegħda twettaq investigazzjoni fir-rigward ta' diversi donazzjonijiet li huwa kien qiegħed jagħmel lill-Missjoni. Jgħid li huwa kien ippreżenta prova li kienet turi l-leġittimità tat-tranżazzjonijiet ta' trasferiment ta' flus mill-kont, iżda xorta waħda din kienet wissietu li tranżazzjonijiet ulterjuri kienu ser jippreżentaw problemi. Wara li huwa kien għadda lis-soċjetà intimata t-tliet formoli rikjesti mingħandu flimkien ma' dokumenti oħra rilevanti, hija kienet talbitu għall-FS3 jew id-denunzja tat-taxxa mingħajr ma pprovdiet ġustifikazzjoni għat-talba tagħha, iżda biss spjegazzjonijiet ġeneriċi. Imbagħad waqt il-proċeduri quddiem l-Arbitru, is-soċjetà intimata allegat li dawn kienu meħtieġa għaliex kien hemm diskrepanżi fis-sors tal-ġid tiegħu, iżda mitluba sabiex tikkjarifika, is-soċjetà intimata tagħtu tweġiba mhux adegwata u mhux imsejsa fuq provediment tal-liġi. L-ilmentatur jissottometti li huwa jifhem li s-soċjetà intimata hija marbuta bl-obbligu li tiġbor ċerti dokumenti mingħand il-klijenti tagħha għall-fini ta' verifika, iżda jinsisti li dan ma jfissirx li hija għandha titlobhom b'mod arbitrarju, u mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni skont il-liġi. Barra minn hekk, wara li saru l-proċeduri odjerni, is-soċjetà intimata naqset milli turi l-ħtieġa leġittima għar-rikjesta tagħha, u jgħid li dan proprju għaliex m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni skont il-liġi. L-ilmentatur

jsostni li jekk tassew is-soċjetà intimata kellha xi dubju dwar il-leġittimità tad-dħul tiegħu, din kellha titlob kopja tad-denunzji tat-taxxa hekk kif huwa kien irċieva l-flus fil-kont bankarju tiegħu. Jirrileva wkoll li s-soċjetà intimata ma kienitx spjegat sew kif kellhom jimtlew il-formoli li għaddietlu, u huwa ma fehemx jekk hija riedet tkun taf dwar id-dħul u s-sors tal-ġid tiegħu matul ħajtu jew f'xi żmien partikolari. L-ilmentatur jikkontendi li s-soċjetà intimata setgħet faċilment tispjega x'kienu l-allegati inkonsistenżi fil-formoli, u b'hekk huwa seta' faċilment jagħti spjegazzjoni dwarhom, iżda huwa qatt ma ngħata din l-opportunità. Barra minn hekk, is-soċjetà intimata kienet naqset li tfisser ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha li tagħlaq il-kontijiet bankarji tiegħu. Isostni li r-raġuni proprju li wasslet sabiex is-soċjetà intimata titlob għad-denunzji tat-taxxa, kienu d-donazzjonijiet lejn il-Kenja, u li dwarhom ma kien hemm bżonn tal-ebda dokument jew kjarifika oħra. Jgħid li l-kontijiet bankarji tiegħu kienu saħansitra diġà ngħalqu meta ntalab sabiex jipprovdi lis-soċjetà intimata bid-denunzja tat-taxxa. Dan kollu jgħid li huwa evidenza tal-fatt li s-soċjetà intimata riedet tagħlaq il-kontijiet bankarji tiegħu, u dan ukoll fejn ma kellha l-ebda raġuni valida. Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li qal l-Arbitru fir-rigward tal-obbligi regolatorji tas-soċjetà intimata, jgħid li dan kollu huwa irrilevanti għaliex ma kienx meħtieġ li din tal-aħħar tagħmel verifika tad-dħul tiegħu, u fi kwalunkwe każ ma ġietx murija l-ħtieġa skont il-liġi.

13. Is-soċjetà intimata tiftaħ is-sottomissjonijiet tagħha b'sinteżi tal-fatti li wasslu għall-vertenza odjerna. Minn hawnhekk hija tgħaddi sabiex tispjega liema huma wħud mid-diskrepanzi li hija kkonstatat mid-dikjarazzjonijiet/formoli li għadda l-ilmentatur, u li kuntrarjament għal dak li

huwa jsostni, ma jikkostitwux *"diffikultà fl-interpretazzjoni tal-informazzjoni mogħtija",* għaliex proprju ma kien hemm xejn x'jiġi interpretat. Tissottometti li jirriżulta li l-informazzjoni kienet inbiddlet minn formula/dikjarazzjoni għal oħra, u għalhekk din setgħet biss tiġi kkonfermata ma' sors uffiċjali, jiġifieri d-denunzja tat-taxxa jew l-FS3, li r-rikorrent kien mitlub li jippreżenta. Hawnhekk is-soċjetà intimata tagħmel riferiment għal dak li qalet ix-xhud Charmaine Busuttil, rappreżentant tagħha stess, u rrilevat li l-Arbitru għaraf u apprezza l-isfidi li kienu joffru l-kontijiet tal-ilmentatur. Hija tagħmel riferiment ukoll għall-*Implementing Procedures*[1]*,* li jagħtu lis-soċjetà intimata ċerta diskrezzjoni, u tikkontendi li huwa ċar fil-każ odjern li r-rikjesta tagħha ma kinitx '*disproportionate or excessive'.* Tikkontendi li hija kienet talbet għal sors uffiċjali sabiex tikkjarifika l-informazzjoni kontradittorja li hija kienet ingħatat mingħand l-ilmentatur, u tagħmel riferiment mill-ġdid għal dak li jipprovdu l-*Implementing Procedures* dwar l-obbligu tagħha ta' moniteraġġ kontinwu. Is-soċjetà intimata tgħid li l-ilmentatur baqa' ma pprovdiex id-dokumenti mitluba, u hija għamlet riferiment għal dak li qal fix-xhieda tiegħu quddiem l-Arbitru dwar ir-raġuni tiegħu għal dan in-nuqqas. Is-soċjetà intimata għamlet riferiment ukoll dak li qal ħu l-ilmentatur, Paul Licari, waqt ix-xhieda tiegħu quddiem l-istess Arbitru. Tgħid li r-raġunijiet li ġew imfissra minnhom huma raġunijiet fjakki, u in sostenn tal-pożizzjoni tagħha hija tiċċita dak li qal l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata. Is-soċjetà intimata ssostni li r-Regolament 17 tal-PMLFTR huwa ċar, u tagħmel riferiment għar-Regolament 7 minn fejn jirriżulta l-obbligu tagħha li tkun taf min huwa l-klijent tagħha. Għalhekk hija kienet korretta meta talbet id-dokumenti

[1] Maħruġin ai termini ta' regolament 17 tal-Prevention of Money Laundering and Funding of Terrorism Regulations (L.S. 373.01).

in kwistjoni, u fin-nuqqas hija kienet itterminat ir-relazzjoni tagħha mal-ilmentatur. Tgħid li l-Arbitru għaraf li hija kellha raġun.

14. Il-Qorti tagħraf li l-ilment tal-ilmentatur essenzjalment huwa li s-soċjetà intimata għalqet il-kontijiet bankarji kollha f'isem l-istess ilmentatur mingħajr ma tatu raġuni tajba, u wara li huwa kien naqas milli jgħaddilha kopja tal-aħħar denunzja tat-taxxa tiegħu jew tal-FS3. Hija irrifjutat ukoll li tiftaħ kont bankarju f'isem lill-ilmentatur tat-tip *'payment account with basic features'* għal darb'oħra mingħajr ma spjegat b'mod sodisfaċenti r-raġuni tagħha għar-rifjut. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tat-talba magħmula mis-soċjetà intimata fis-7 ta' April, 2022[2], sabiex l-ilmentatur jipprovdi kopji tad-dokumenti rikjesti. Ħadet ukoll konjizzjoni tat-talba tal-ilmentatur magħmula minn ħuh Paul Licari għan-nom tiegħu fid-9 ta' April, 2022[3], għal kjarifika tar-raġuni għat-talba tas-soċjetà intimata.

15. Il-Qorti tirrileva li d-dokumenti rikjesti mingħand l-ilmentatur ma jagħmlux parti mill-elenku anness mal-formola '*Declaration of Source of Funds'*[4], għalkemm taċċetta li dawn jistgħu jintalbu fejn tqum il-ħtieġa ta' kjarifika ulterjuri. Imma fil-każ odjern is-soċjetà intimata ma tat l-ebda spjegazzjoni lill-ilmentatur tal-kjarifika li hija kienet qiegħda tfittex, u sempliċement talbet għad-dokumenti in kwistjoni mingħajr ma rabtet it-talba tagħha ma' kwistjoni jew dubju partikolari. Tirrileva li anki fir-risposta għall-ilment tal-ilmentatur, is-soċjetà intimata baqgħet ma tat l-ebda spjegazzjoni dwar it-talba tagħha.

---

[2] *A fol.* 23 tal-atti tal-Arbitru.
[3] *A fol.* 26.
[4] *A fol.* 42.

16. Il-Qorti tikkunsidra li l-ilmentatur għandu kull dritt ikun jaf ir-raġuni għat-talba ta' dawn id-dokumenti, partikolarment fejn jikkontjenu saħansitra informazzjoni kunfidenzjali tiegħu. Tosserva li fix-xhieda tagħha waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar, 2023 quddiem l-Arbitru, ir-rappreżentanta tas-soċjetà intimata Charmaine Busuttil spjegat ir-raġuni għat-talba tas-soċjetà intimata meta qalet li *"[n]għid li għandna erbgħa* Source of Wealth *ta' Mr Licari, li minn wieħed għall-ieħor kienet qed tvarja l-informazzjoni, allura, kellna bżonn aktar kjarifiki tal-informazzjoni li kien qed jgħaddielna".* Hija offriet spjegazzjoni aħjar waqt il-kontro-eżami tagħha fl-istess seduta.

17. Fid-dawl ta' din l-ispjegazzjoni fi stadju bikri tal-proċeduri odjerni, il-Qorti tikkunsidra l-każ odjern bħala wieħed li seta' faċilment ġie riżolt bejn il-partijiet b'spjegazzjoni aħjar min-naħa tas-soċjetà intimata tal-kjarifiki li hija xtaqet ikollha, sabiex b'hekk hija tkun tassew ħarset l-obbligi tagħha skont il-liġi. Din l-ispjegazzjoni setgħet ingħatat lill-ilmentatur flimkien mar-rikjesta għad-dokumenti in kwistjoni, u l-Qorti tagħraf li t-talba għal kjarifika mingħand l-ilmentatur mhux neċessarjament kellha tistrieħ fuq id-denunzja tat-taxxa jew FS3, iżda ċertament kien hemm dokumenti li setgħet titlob bħala xhieda vera tas-sors tal-ġid tal-ilmentatur. Is-soċjetà intimata kellha tqis ukoll li l-ilmentatur huwa bniedem anzjan li mhux faċilment jifhem is-sistema regolatorja sħiħa li ddaħħlet f'Malta f'dawn l-aħħar snin permezz tal-liġi u tal-*Implementing Procedures,* li taw lok għal proċeduri iktar kumplessi għal tranżazzjonijiet li fis-snin ta' qabel kienu meqjusa bħala pjuttost faċli u sempliċi. Tikkunsidra wkoll li l-każ seħħ fiż-żmien li kien hawn l-imxija tal-pandemija tal-COVID-19, fejn l-anzjani kienu mwissijin sabiex jevitaw il-ħruġ, u fil-każ tal-ilmentatur, jirriżulta

wkoll minn dak li qal ħuh fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru, 2022[5], li huwa kien qiegħed ibati min-nuqqas ta' vista, u sussegwentement għamel operazzjoni għall-kataretti f'għajnejh. Għalhekk ċertament spjegazzjoni aħjar min-naħa tas-soċjetà intimata kellha tkun neċessarja u anki xierqa. Wara kollox, kif sewwa rrileva l-Arbitru, dan mhux każ ta' ħasil ta' flus. Minflok il-partijiet spiċċaw f'pika fejn is-soċjetà intimata ħadet azzjoni mill-aktar iebsa fil-konfront ta' klijent tagħha għal dawn l-aħħar kważi tletin sena. Dan kollu għarfu l-Arbitru li b'mod l-aktar ġust stqarr li:

> *"...din il-miżura għandha titqies bħala l-aħħar pass li l-bank għandu jieħu u wara li jkun ta ċ-ċans kollu lill-klijent li jottempora ruħu għal xi nuqqas li jkun għamel fil-konfront tal-bank. Biex dan iseħħ, il-bank irid ifittex li jkollu djalogu kontinwu mal-klijent u jidderiġih fit-triq it-tajba fejn dan jonqos."*

18. Iżda ma taqbilx mal-Arbitru fejn dan iddikjara li l-oppożizzjoni min-naħa tal-ilmentatur għall-preżentata tad-denunzja tat-taxxa, hija waħda inaċċettabbli, u dan għar-raġuni li l-Qorti spjegat iktar 'il fuq f'din is-sentenza. Jiġi rilevat li mhux il-każ li l-ilmentatur irrifjuta li jagħti spjegazzjonijiet ulterjuri jew li rrifjuta li jgħaddi kwalunkwe informazzjoni lis-soċjetà intimata, iżda l-oġġezzjoni tiegħu kienet fir-rigward tad-denunzja tat-taxxa biss. Għalhekk tikkunsidra li d-dikjarazzjoni tal-Arbitru mhijiex korretta, kif ukoll mhux korrett l-argument tiegħu tan-neċessità ta' dan id-dokument għall-fini tal-verifika tas-sors tal-fondi, għaliex ċertament kien hemm dokumenti u evidenża oħra li setgħet tispjega dan. Iktar tard fid-deċiżjoni appellata, l-Arbitru jistqarr li li l-koperazzjoni tal-klijent hija neċessarja għal relazzjoni b'saħħitha bejn il-bank u l-klijent, iżda jgħid ukoll li *"[p]erò, min-naħa tiegħu, il-Bank għandu jitlob biss*

---
[5] *A fol.* 102.

*dawk id-dokumenti rilevanti għar-*review *tal-klijent u dan l-eżerċizzju jrid ikun wieħed trasparenti u proporzjonat."* Il-Qorti tikkondividi bi sħiħ din l-istqarrija tal-Arbitru, u tgħid li hija ma kkonstatat l-ebda nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tal-ilmentatur qabel ma ġie mitlub għad-denunzja tat-taxxa, dokument li fil-fehma tagħha setgħu ntalbu dokumenti oħra minfloku li kienu xhieda aħjar tal-informazzjoni li xtaqet tikkjarifika s-soċjetà intimata. Iżda ma jirriżultax li dawn intalbu minnha. Jekk imbagħad ma kien jirriżulta l-ebda dokument ieħor li seta' serva bħala l-aħjar prova, is-soċjetà intimata kien ikollha kull dritt li titlob għall-kopja tad-denunzja tat-taxxa, iżda dejjem f'eżerċizzju trasparenti kif stqarr l-Arbitru.

19. Għaldaqstant il-Qorti ssib it-tieni aggravju tal-ilmentatur ġustifikat u tilqgħu.

20. Għal dak li jirrigwarda t-talba tal-ilmentatur għal dikjarazzjoni u ħlas ta' danni, il-Qorti tikkunsidra li ġaladarba qiegħda tilqa' t-tieni aggravju tiegħu għandhom jintlaqgħu l-ewwel tliet talbiet tal-ilmentatur. Madankollu tosserva li huwa ma ressaq l-ebda prova dwar id-danni materjali li huwa sofra, u għalhekk il-Qorti ma tistax tillikwida l-imsemmija allegati danni. Dwar l-allegati danni morali, ħu l-ilmentatur jispjega fix-xhieda tiegħu tas-seduta tat-28 ta' Novembru, 2022 quddiem l-Arbitru, li l-istess ilmentatur kien *"...spiċċa f'depression kbira; qed jiehu l-mediċina minħabba d-depression. Ngħid li ħija għandu l-kontijiet kollha magħluqin u lanqas €1 m'għandu biex jista' jahdem u qed jaqa' kollox fuqna. Lanqas iċ-ċekk tal-pensjoni ma jista' jiddepożita u jużah".* Il-Qorti tikkunsidra li sitwazzjoni bħal dik li sab ruħu fiha l-ilmentatur, li ta' spiss kien jagħmel użu mis-servizzi tas-soċjetà intimata għax-xogħol tiegħu, u anki

għal raġunijiet personali, mhijiex waħda feliċi xejn. Tqis mhux biss l-iskumdità li ħolqot, iżda anki il-mistħija u l-ansjetà li għadda u għadu għaddej minnha, u għalhekk qiegħda tillikwida kumpens fis-somma ta' €500 li għandu jitħallas mis-soċjetà intimata lill-ilmentatur. Is-soċjetà intimata sejra tiġi ordnata tiftaħ mill-ġdid il-kontijiet bankarji li ngħalqu, u filwaqt li għandha tillimita t-talbiet tagħha għal kjarifika għal dawk il-kontijiet li huma milquta mill-kjarifiki rikjesti, għandha tagħti l-opportunità lill-ilmentatur li jippreżenta dik id-dokumentazzjoni neċessarja għall-prova tas-sors tal-ġid tiegħu fejn din hija nieqsa.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell odjern billi tilqgħu u tħassar id-deċiżjoni appellata, filwaqt li:**

**(a) tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata;**

**(b) tilqa' it-talbiet tal-ilmentatur limitatament kif spjegat iktar 'il fuq f'din is-sentenza;**

**(c) tiddikjara li l-imsemmija soċjetà intimata hija responsabbli għad-danni morali sofferti mill-ilmentatur u tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' ħames mitt Euro (€500.00), li għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata lill-ilmentatur;**

**(d) tordna lis-soċjetà intimata sabiex tiftaħ mill-ġdid dawk il-kontijiet li hija għalqet mingħajr il-kunsens tal-ilmentatur, b'dana li għandha tagħti l-opportunità lill-ilmentatur sabiex fi żmien xahar jippreżenta dik id-dokumentazzjoni neċessarja, mhux neċessarjament id-denunzji tat-taxxa u l-FS3, għall-prova tas-sors tal-ġid tiegħu, filwaqt**

**li tillimita t-talbiet tagħha għal kjarifika, informazzjoni u dokumenti għal dawk il-kontijiet li huma milquta mill-kjarifiki rikjesti.**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**